Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imħallef Anthony Ellul

Appell numru: 4/2016AE

**Chukwudi Samuel Onyeabor (appellant)**

**vs**

**Direttur Ġenerali tas-Sigurta' Soċjali (appellat)**

7 ta' Frar, 2017

Permezz ta' rikors preżentat fit-15 ta' Frar, 2016, Chukwudi Samuel Onyeabor (**l-appellant**) appella minn deċiżjoni tal-Arbitru Nru. 302/15 tal-31 ta' Diċembru 2015, li biha ċaħad appell kontra deċiżjoni tal-appellat sabiex iħallsu lura s-somma ta' €997.49, li kien irċieva bħala Għajnuna għal Diżimpjieg.

**Deċiżjoni tal-Arbitru.**

Id-deċiżjoni tal-Arbitru hi fis-sens li mill-provi inkluż dak li xehed l-appellant u li qal lill-istess District Manager tad-dipartiment, kien jirriżulta biċ-ċar li l-appellant qed jgħix ma' partner Elise Pillaroo li taħdem *full-time* u għaldaqstant hu u l-familja tiegħu eċċedew il-limiti stipulati fil-Kapitolu 318 tal-Liġijiet ta' Malta biex jagħmluh eleġibbli għall-għajnuna għal Disimpjieg.

L-Arbitru kkonferma d-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali tas-Siguta' Soċjali tat-**28 ta' Frar, 2013** fejn l-appellat infurmaħ li kienu ser jittieħdu lura l-ħlas imsemmi ta' €997.49 b'tnaqqis ta' 5% mill-għajnuna għall-qagħad u benefiċċji oħra li jista' jkollu mid-dipartiment.

**Provi quddiem l-Arbitru.**

Il-provi quddiem l-Arbitru kienu r-rapport ta' Moira Vassallo, *Manager* fl-Uffiċju Distrettwali, li l-istess appellant kien infurmha li ilu mill-aħħar ta' Jannar, 2013 jgħix mal-*partner* tiegħu Elise Pilaroo, li taħdem *full time.*

L-appellant qal meta konfrontat b'dak li kien hemm fir-rapport tal-Manager tal-Uffiċju

Distrettwali, *"M. Vassallo must have misunderstood that he was not living with a partner but sharing an apartment with Elise Pillaroo",* pero' fl-istess ħin jgħid *"They became partners after moving to M'Scala where they lived for two years and she did not support him".* Jerġa jgħid, *" that he had known Ms Pilaroo from May 2012 and had a son born in 7 February 2013 and son's name was Nieron Onyeabor".* Kompla,*"After they left St. Julians, they shared an apartment and then they decided to move on and so they became partners".* Żied, *"Appellant explained that he does not consider a relation, the fact that a child was born. He said it was a mistake. The pregnancy was a mistake".* Hu qal li ma jaħdimx u ilu 8 snin Malta. L-aħħar li ħadem kien f'*restaurant* iżda ma kompliex minħabba *back injury.* Qal li jikteb kanżunetti d-dar. Qal li l-indirizz ta' Ms Pillaroo kien u għadu San Gwann *"but officially she lives on and off"* miegħu.

**Appell.**

L-aggravji tal-appellant huma:

1. *Illi fl-ewwel lok u in linea preliminari id-deċiżjoni sudetta hija nulla in kwantu isem l-esponenti fid-deċiżjoni huwa ħażin. Infatti l-isem l-esponent fid-deċiżjoni huwa indikat bħala "Chikwadi" meta fil-fatt għandu jkun "Chukwudi". Dan waħdu jġib in-nullita' tas-sentenza.*
2. *Illi di piu' fil-mertu jingħad illi fid-deċiżjoni tiegħu l-Umpire iddeċieda illi mill-provi prodotti u mid-dikjarazzjonijiet tal-esponenti ma kienx hemm dubbju li l-appellant kien qed jirrisjedi mal-partner tiegħu Elise Pillaroo li hija impjegata fulltime u li allura l-esponenti ma kienx intitolat għall-benefiċċju in kwistjoni skond il-Kap. 318.*
3. *Illi dan m'hu veru xejn peress illi kemm fid-dipartiment distrettwali u kif ukoll quddiem l-istess umpire l-esponenti sostna illi huwa la kien qed jgħix mal-istess Elise Pillaroo u lanqas li hija kienet il-partner tiegħu.*
4. *In fatti l-esponenti jsostni illi li ġara huwa li hu, Elise Pillaroo u persuna oħra ċertu George Benson kienu jokkupaw flimkien appartament ġewwa San Ġiljan u meta ma setgħux jibqew jabitaw fl-istess appartament l-esponenti u l-istess Pillaroo iddeċidew li jaqsmu bejniethom appartament ieħor.*
5. *Illi di pju fiż-żmien in kwistjoni l-istess Elise Pillaroo ma kenitx il-partner tal-esponenti.*
6. *Illi għalhekk id-deċiżjoni tal-Umpire hija fattwalment u legalment żbaljata u kwindi għandha tiġi revokata.*
7. *Illi di piu' ma jaħdimx u għandu bżonn l-għajnuna in kwistjoni.*
8. *Fl-aħħar nett jiġi sottomess illi l-esponenti huwa persuna barranija u kwindi mhux edott mill-policies marbuta mal-benefiċċju in kwistjoni.*

**Tweġiba għall-appell.**

Fil-qosor, l-appellat qed jikkontendi li skond ġurisprudenza kostanti, il-Qorti tal-Appell ma

tindaħalx fl-eżerċizzju tal-ewwel qorti ħlief meta dan ikun manifestament ħażin jew għal raġunijiet gravi biss.

Dwar l-eċċezzjoni preliminari tan-nullita' illum din ġiet rattifikata bl-emendi li daħlu fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili permezz tal-Att IV tal-2016.

L-appellat isostni li l-artikolu 30(1) tal-Kap. 381 meta jitħaddet fuq Benefiċċju għal Disimjieg dejjem jirreferi għall-kap tal-familja. Fil-fatt ingħad *"U għaliex ir-rapport ġuridiku previdenzjali hu kostitwit fejn ikun jirriżulta li l-appellant huwa "kap tal-famila", meta jinsab li dan mhux hekk fil-każ id-dipartiment ikkonċernat hu tenut ma japprovax l-applikazzjoni jew is-sospensjoni u jwaqqaf għal kollox l-għajnuna jew benefiċċju hekk mogħtija.*[1] *"*

Jirreferi ghat-tifsira ta' familja li hemm taħt il-Kap. 318:

*""familja" tfisser persuna waħda li fl-opinjoni tad-Direttur tkun tabita waħedha jew żewġ persuni jew iżjed li fl-opinjoni tad-Direttur ikunu jabitaw flimkien bħala familja:..."*

U hemm fil-ġurisprudenza lokali:

*" irid jingħad li l-Qrati tagħna wkoll kellhom okkażjoni jfissru kif għandu jiġi mifhum il-kuncett ta' "familja": u dan mhux biss fil-liġi in ġenerali, imma ukoll fl-liġijiet speċjali, u b'mod partikulari taħt il-liġi dwar l-Assistenza Soċjali. F'dawn id-deċiżjonijiet kollha, l-"familja" m'hijiex imliġġma bil-kundizzjoni sine qua non ta' żwieġ u lanqas ta' koabitazzjoni f'qafas ta' dak li illum jissejjaħ common law marriage, imma ta' konvivenza ta' żewġ persuni jew iżjed f'dar jew ambjent komuni b'attributi ta' qsim bejniethom ta' dak li jseħħ fil-ħajja tagħhom"*[2].

Sentenza li tinkludi mara u raġel li jgħixu flimkien mingħajr relazzjoni amoruża bejniethom. Fil-każ in eżami rriżulta li effettivament l-appellant kien effettivament qiegħed igħix mal-partner tiegħu li kienet taħdem full-time u li minnha kellu tarbija. L-appellant inghata l-benefiċċju għaliex kien qiegħed igħix għal rasu, u għalhekk jifforma familja għal rasu. Sitwazzjoni li nbidlet meta mar igħix mas-sieħba tiegħu.

Fl-aħħar tagħmel referenza għall-artikolu 102 tal-Kapitolu 318 li tagħti dritt lid-direttur jiġbor lura kull għajnuna mogħtija in eċċess.

---

[1] **Rita Schembri vs Direttur tas-Sigurta' Soċjali** – Appell (Kompetenza Inferjuri) – 28 ta' Frar, 2007.
[2] **Pauline Manche' vs Direttur tas-Sigurta' Soċjali**, deċiża mill-Qorti Tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) (JRM), 13 ta' Jannar, 2004.

**Konsiderazzjoni.**

1.**Dwar l-iżball fl-isem**:-

L-isem fl-okkju tad-decizjoni tal-Arbitru, hu "Chikwadi Samuel Onyeueabor". L-appellant qal li jismu Chukwudi.

Issir referenza għall-artikolu 175(2) tal-Kapitolu 12, tagħmel referenza għad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell (Kompetenza Superjuri)[3]:

*"Jargumentaw illi l-Artikolu 175 tal-Kapitolu 12 jippermetti lill-Qorti tal-Appell tikkorreġi żbalji li jkunu saru fl-atti li jiġu wara s-sentenza appellata u mhux qabel. Fiż-żmien li ingħatat is-sentenza u anke meta saru r-rikors tal-appell u r-risposta relattiva, l-Artikolu 175(2) tal-Kapitolu 12 effettivament kien jaqra hekk:*

*"Kull qorti fi grad ta' appell tista' wkoll tordna jew tippermetti, f'kull żmien sas-sentenza, li jissewwa kull żball fir-rikors li bihom ikun tressaq l-appell jew fit-tweġiba, kif ukoll kull żball fl-isem tal-qorti li tkun tat is-sentenza appellata, jew f'dak tal-partijiet, jew fil-kwalita` li fiha huma jidhru, jew fid-data tas-sentenza appellata."*

*Tali artikolu għalhekk (kuntrarjament għal dak sostnut mill-appellata fir-risposta tal-appell tagħha) ma kienx jagħti lil din il-Qorti s-setgħa biex tikkorreġi l-okkju żbaljat fis-sentenza tal-ewwel istanza.*

*L-Artikolu 175(2) iżda ġie emendat riċentement permezz tal-Att IV tal-2016, fis-sens li daħlu s-segwenti żewġ provisos fih:*

*"Iżda kull qorti fi grad ta' appell tista' tordna wkoll korrezzjonijiet fis-sentenza tal-qorti tal-ewwel istanza u korrezzjonijet oħra li l-qorti fi grad ta' appell tqis li huma ġustifikati fl-atti ġudizzjarji fi kwalunkwe stadju tal-proċeduri fl-appell sa meta l-appell jitħalla għas-sentenza, fuq talba ta' xi waħda mill-partijiet, u wara li tagħti lill-partijiet l-opportunita` li jinstemgħu:*

*"Iżda wkoll qorti fi grad ta' appell tista' tordna wkoll korrezzjonijiet f'sentenza li tkun ingħatat minnha wara li jkun sar rikors preżentat minn waħda mill-partijiet fi żmien tletin ġurnata mid-data tas-sentenza."*

*Dawn daħlu fis-seħħ fil-15 ta' Frar 2016* [4] *(u ċjoe` qabel is-seduta tal-15 ta' Marzu 2016 fejn imbagħad il-kawża ġiet differita għas-sentenza) u għalhekk l-attriċi appellata abbażi tal-ewwel proviso tal-Artikolu 175(2) setgħet għamlet talba quddiem din il-qorti sabiex hija tordna l-korrezzjoni tal-okkju fis-sentenza tal-Prim'Awla.*

*Fin-nuqqas ta' dan pero` (u anke in vista tal-fatt li dan il-proviso kien għadu jidħol) din il-qorti ma jidhrilhiex li hu l-każ li s-sentenza appellata tiġi dikjarata nulla kif qed jitolbu l-konvenuti appellanti,* ***anke meta wieħed iqis li huwa evidenti li l-ewwel proviso tal-Artikolu 175(2) li daħal bl-imsemmi Att IV tal-2016 fost affarijiet oħra huwa intiż biex tiġi evitata l-estremita` li sentenzi jiġu dikjarati nulli.***[5] *Barra minn dan, tenut kont tal-fatt li t-trasfużjoni tal-ġudizzju kien fil-fatt ġie debitament awtorizzat mill-ewwel Qorti u li kien biss nuqqas amministrattiv li ma kienx sar l-annotament opportun fl-okkju tas-sentenza, fis-seduta*

[3] **Perit Joseph Farrugia vs Francis Baldacchino et**, datata 27 ta' Mejju, 2016.

[4] Ara Avviż Legali 42 tal-2016.
[5] Enfażi ta' din il-Qorti.

*tal-14 ta' Marzu 2016 din il-Qorti, kif għamlet f'ċirkostanzi simili f'kawżi oħra riċenti, ordnat li fl-okkju tas-sentenza eventwali ta' din il-Qorti (u ċioe` tas-sentenza preżenti) għandu jsir l-annotament opportun."*

Għalkemm ma saritx talba għall-korrezzjoni fl-isem, din il-Qorti ser issegwi dak li ntqal fis-sentenza u tordna l-korrezzjoni tal-isem. Inoltre, ma tarax li l-appellant ser isofri xi preġudizzju. M'hemmx dubju li d-deċizjoni tal-Arbitru u li minnha sar appell, kien proprju fl-appell li ppropona l-appellant.

2 – 6. **Dwar l-apprezzament tal-provi**:

Din il-qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi li jkun sar fl-ewwel stadju sakemm ma jirriżultax li kien hemm xi nuqqasijiet kbar f'tali evalwazzjoni. Dan hu ben stabbilit fil-ġurisprudenza tagħna. Hekk insibu:

*"Din il-Qorti tibda billi tosserva li hija prassi ormai stabbilita li fin-nuqqas ta' provi li juru li tezisti raġuni jew raġunijiet serji u gravi biżżejjed li jiddettaw mod ieħor, din il-Qorti tat-tieni grad kemm jista' jkun ma tiddisturbax dak l-apprezzament u evalwazzjoni tal-provi li jkunu saru mill-ewwel Qorti, u li, allura, tkun qegħda fl-aħjar qagħda li tisma', tikkontrolla u tevalwa l-istess provi u xhieda prodotta u mismugħa quddiemha. Illi, fit-tieni lok, imbagħad, minn eżami akkurat tal-provi akkwiżiti, din il-Qorti ma jidhrilhiex li kien hemm xi apprezzament zbaljat jew xi konkluzzjoni erroneja min-naħa tal-ewwel Qorti. Huwa minnu li kemm fix-xhieda mogħtija min-naħa u kemm min-naħa opposta, din il-Qorti tintravedi ċerti lakuni u amneżiji konvenjenti imma fl-istess waqt hemm provi adegwati u suffiċjenti li jindikaw li għandha tipprevali l-verżjoni tal-fatti kif premessi mill-attriċi appellata."*[6].

Din il-Qorti mhux biss ma taqbilx mad-dikjarazzjoni li l-konklużjoni tal-Arbitru ma tirriflettix il-provi, iżda taqbel li din kienet l-unika konklużjoni li l-Arbitru seta' wasal għaliha.

7. **L-appellant isostni wkoll li ma jaħdimx u għandu bżonn l-għajnuna in kwistjoni**:

Din il-Qorti tagħmel hawn, għas-skans ta' ripetizzjoni, riferenza għall-parti tar-risposta tal-appellat imsemmija iktar 'fuq, fejn hemm spjegazzjoni skond l-Kap. 318 għaliex l-istess

---

[6] Qorti tal-Appell (Kompetenza Superjuri) tal-27 ta' April, 2001, Cit. Nru. 304/97 GV fl-ismijiet **Laura u Francis konjuġi Seguna vs Francis u Elizabeth konjuġi Mallia**. Fost oħrajn insibu: Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) tas-27 ta' Ottubru, 2011 fl-ismijiet **Maria Calleja *et vs* Carmel Bonanno**; **Pierre Borg et vs Blye Engineering Co. Ltd**. (A.I.C (JF), 30 ta' Settembru 2002); **Paul Formosa vs Salvu Debono**, (A.C., 5 ta' Ottubru 2001); **Brigitte Vella pro. et noe vs Richard Vella** (A.C., 5 ta' Ottubru 2001) u **Laura Seguna et vs Francis Mallia et** (A.C., 27 ta' April, 2001).

appellant mhux intitolat għal benefiċċju, del resto kif ukoll fil-qosor ħafna, tidher fid-deċide tal-Arbitru (ara paragrafi 11-15 tat-tweġiba għall-appell). Sabiex ikollu jedd li jirċievi l-benefiċċju, l-appellant kellu jkun il-kap tal-familja (artikolu 30(1) tal-Att dwar is-Sigurta Socjali, Kap. 318). Irriżulta li l-appellant kien qiegħed igħix mas-sieħba tiegħu, li kienet taħdem full-time. Minn din ir-relazzjoni twieldet tarbija. Ladarba s-sieħba kellha mpjieg full-time, l-appellat seta' jasal għal konklużjoni li s-sieħba tal-appellant kienet il-kap tal-familja[7].

8.L-aħħar ilment tal-appellant hu li hu persuna barranija u ma jafx il-*policies* tal-pajjiż. Din m'hijiex xi skuża valida; *ignorantia legis neminem excusat.* Ir-regolamenti qegħdin hemm biex jiġu applikati u segwiti. Ma kien hemm xejn x'iżomm lill-appellant li qabel jagħmel il-pass li jmur igħix mas-sieħba tiegħu, imur id-Dipartiment u jistaqsi dwar x'kienu ser ikunu l-konsegwenzi.

**Għal dawn il-motivi:-**

1. **Tordna korrezzjoni fid-deċiżjoni tal-Arbitru tal-31 ta' Diċembru, 2015 fis-sens li fl-okkju l-isem "Chikwadi" għandu jaqra "Chukwudi";**
2. **Ticħad l-appell.**
3. **Spejjeż a karigu tal-appellant.**

Anthony Ellul

[7] Artikolu 2 tal-Kap. 318: *"kap ta' familja dwar familju li tkun ta' zewġ persuni jew iżjed tfisser dik il-persuna li, fl-opinjoni tad-Direttur, tkun kap tal-familja"*.